**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu 2017**

**Talba Nru: 83/17 CZ**

**GO p.l.c.**
**C 22334**

**vs**

**Vanessa Claire Farrugia (ID 333777 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fis-7 ta' Frar 2017 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallasha s-somma ta' sitt mija u hdax-il Euro u tmenin centezmu (€611.80) in konnessjoni mta' servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40154659.

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali li saret ai termini ta' l-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li giet prezentata quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 t'Awwisu 2015 u li ggib in-numru ta' referenza 1360/15, u kif ukoll bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' l-ittra ufficcjali hawn imsemmija sad-data tal-hlas effettiv.

Ra li l-konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata mis-socjeta' attrici fl-14 ta' Marzu 2017 li biha rriduciet l-ammont mitlub ghal hames mija u sitt Euro u tmenin centezmu (€506.80).

Sema' x-xiehda ta' Charmaine Psaila Raji, rapprezentanta tas-socjeta' attrici, li kkonfermat li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici, hekk kif ridott bin-nota appena msemmija, ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenuta.

Ra li t-talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, is-socjeta rikorrenti qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenuta, tas-somma ta' sitt mija u hdax-il Euro u tmenin centezmu (€611.80) in konnessjoni mta' servizzi ta' komunikazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici lill-konvenuta fuq l-akkont li jgib in-numru AC40154659.

2. Illi x-xhud Charmaine Psaila Raji ghas-socjeta' attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici, hekk kif ridott bin-nota ta' l-14 ta' Marzu 2017 ghadu dovut fl-intier tieghu mill-konvenuta, u ghalhekk illum ghadu dovut l-ammont ta' hames mija u sitt Euro u tmenin centezmu (€506.80)

**Ikkunsidra ulterjorment**;

3. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

(b) Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

4. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

5. Fil-kaz odjern, il-konvenuta giet debitament notifikata u la ressqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal fl-14 ta' Marzu 2017.

6. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta' attrici ma ghandux mis-sewwa.

7. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici, hekk kif ridott, huwa dovut mill-konvenuta.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta'

hames mija u sitt Euro u tmenin centezmu (€506.80) bl-imghaxijiet kif mitluba. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur